A.L. 66 ta' l-2008

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 2).

Proprjetà assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artiklu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.


3. Il-proprjetà assenjata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artiklu b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2008.

Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art (*Football Ground*) fi Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, ta' madwar 3,253 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern, kif murija immarkata A u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2008_33.

(2) Kumpless ta' Bini fi Triq Toni Camilleri, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, li jikkonsisti fi *Club House* bla numru u spazju miftuħ, kollox tal-kejl ta' madwar 227 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gverni kif murija mmarkata B u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2008_33.


FOOTBALL GROUND, PLAYING FIELD AND ANCILLARY STRUCTURES
TRIQ BURMARRAD
BURMARRAD
l/o SAN PAWL IL-BAHAR
GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT
LOCALITY: SAN PAWL IL-BAHAR
P.D. No: 2008_33
SCALE 1:500
FILE: L 226/88
(sgd. S. Scotto)
(sgd. J. Caruana)
Director Estate Management
Site Plan
S.S. 4877
Scale 1:2500
Map Ref. 47298
77142
A
B
C
Triq Burmarrad
Triq Tas-Cumblinks
Scale 1:500
CHECKED ON SITE - JANUARY 2008